MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' April, 2011

Numru 273/2010

Il-Pulizija
(Spettur Ramon Mercieca)

vs

Matthew Piscopo

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 283381(m) akkuzat talli bejn ix-xhur ta’ Settembru 2009 u Marzu 2010, gewwa dawn il-Gzejjer:

i. bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ Dorianna Catania, wegghaha bi kliem, gesti, b’kitba, b’disinji jew b’xi mod iehor, liema kitba, figuri jew disinji gew imxandrin jew kienu esposti fil-pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 252(1)(3) tal-Kap 9;

ii. fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Dorianne Catania, b'mod li kien jew kien messu kien jaf li dan kien b'fastidju ghal istess Dorianne Catania u dan ai termini tal-Artikolu 251A tal-Kap 9;

gie mitlub li f'kaz ta' htija l-Qorti tipprovdi ghas-sigurta' ta' Dorianna Catania taht l-Artikolu 383, 384 u 385 tal-Kap 9

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza, liema ammissjoni saret fl-ewwel udjenza u dan qieghed jinghad ghal kull bon fini, u fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti u giet ribadita wkoll f'din l-udjenza anke wara li l-Qorti ikkonceditlu z-zmien li jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Illi fil-kors ta' din il-kawza l-kwerelanta insistiet ghal inkluzjoni mal-imputazzjoni ta' reati li jolqtu "L-Uzu Mhux Dovut tal-Computer" mahsuba fis-Sub-Titolu V, Titolu IX tal-Ewwel Ktieb tal-Kap 9, kif ahjar imfissra fir-rikors minna ippresentat lill-Qorti tal-14 ta' Marzu 2011 u talbet lill-Qorti biex tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex izzid l-akkuzi konsegwentement.

Ghalhekk tajjeb li qabel ma' l-Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq l-imputazzjonijiet li ghandha quddiema kontra l-imputat, li ghalihom qieghed jammetti, tiddisponi mit-talba maghmula mill-kwerelanta seduta stante u registrata fil-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Marzu tas-sena korrenti u ribadita fir-rikors gja imsemmi. Qabel ma taghmel hekk pero' a skans ta' kull ekwivoku ser tghaddi in rassenja l-iter tal-proceduri. Dawn juru li in segwitu ghat-tahrika mahruga tat-23 ta' Marzu 2010, fil-gurnata tal-ewwel smigh u cjoe' fil-31 ta' Mejju tal-istess sena, l-Ufficjal prosekutur talab differiment biex jaghmel xi zieda mal-

imputazzjonijiet, ghal liema talba d-difiza opponiet izda li din il-Qorti laqghet billi dehrila li f'dak l-istadju kien konsentit anka ghaliex ma kienitx ghada inqrat l-akkuza; minn hemm l-kawza thalliet ghal-4 ta' Novembru 2010 ghal qari tal-akkuza; intalab differminet f'dik l-udjenza stantel- indisposizzjoni tal-ufficjal prosekutur u l-kawza thalliet ghal-10 ta' Marzu tas-sena korrenti; fl-imsemmi jum l-kwerelanta permezz ta' rikors talbet li tigi ammessa bhala parte civile u li jizdiedu l-akkuzi fit-termini gja citati u mitluba b'ittra mibghuta lil Spettur Ramon Mercieca tat-3 ta'Marzu ta' din is-sena li tinsab fl-atti; f'dik l-udjenza tal-10 ta' Marzu nqrat l-akkuza b'zidied maghha u l-kwerelanta irribadiet l-inklusjoni mal-akkuzi ta' reati konnessi mal-abbuz tal-computer kif gja minnha ssolevata; l-imputat minn naha tieghu ta ruhhu b'notifikat bit-tahrika kif mizjuda, sarlu l-ezami, u irregistra ammissjoni li fuqa insista anka wara li nghata zmien biex jirrikonsidra; f'dik l-udjenza l-Qorti iddifferit il-kawza ghal-lum "sabiex tikkonsidra t-tieni punt fin-nota tal-parte civile u okkorrendo sentenza skond il-kaz".

Trattat dan it-tieni punt cjoe z-zieda fl-akkuzi kif esigiet il-parte civile il-Qorti tafferma li l-imputazzjonijiet trattandosi ta' kawza li hija istitwita mill-Pulizija Esekuttiva u li taqa' fil-gurisdizzjoni originali taghha huma esklusivament fil-kompetenza tal-Pulizija Esekuttiva. Hemm moghti rimedju ghall-kwerelant fil-Kodici Kriminali fejn il-Pulizija Esekuttiva f'kawzi li fihom l-azzjoni kriminali tkun tmiss lilhom li b'rikors titlob lil din il-Qorti biex tordna li l-Pulizija tmexxi l-procedura mehtiega. Dan izda ghandu jsegwi d-dettami kif imfissra fil-Kodici altru kif sar f'dan il-kaz. Kwindi qeghdha din il-Qorti tichad it-talba.

Trattata l-piena fid-dawl tal-akkuzi u l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati taghhom. Rat l-Artikolu 252(1)(3), 251A, 17(h) tal-Kap 9 u wara li ikkonsidrat dak kollu li dehrilha li ghandha, tikkonsidra senjatament l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, l-ammissjoni bikrija u d-dokumenti esebiti, tiddecidi li tapplika l-piena kontemplata fl-Artikolu 252(1) u tikkundannah 500 euro multa. Rat wkoll l-Artikolu 383 et seq u torbot lill-imputat b'garanzija ta' penali ta' 2000 euro

li ma jimmolestax jew b'xi mod jaghti fastidju lill-kwerelanti ghal zmien sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------